TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Josline Gallagher

vs

Sue Caruana

CCT 72/18

30 ta' Jannar 2019

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fit-3 ta' Mejju 2018 fejn talbet ir-rifuzjoni ta' €380.00, prezz ta' trattament ta' sbuhija maghmul ghand l-intimata liema trattament skond ir-rikorrenti ma kienx a sodisfazzjon taghha.

Ra r-risposta pprezentata mill-intimata fil-11 ta' Lulju 2018 fejn irrifjutat it-talba rikorrenti bhala infondata fil-fatt u fi dritt u fi kwalunkwe kaz ix-xoghol ghamlitu skond l-arti u s-sengha bl-aktar professjonalita'. Ghal kull buon fini u bhala turija ta' rieda tajba offriet illi tirrifondilha parti mill-prezz fuq xoghol li sar fuq ix-xuftejn fl-ammont ta' mija u hamsa u tmenin Euro. (€185.00)

Ra l-atti u d-dokumenti kolllha tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi huwa pacifiku bejn il-partijiet li r-rikorrenti marret ghand l-intimata ghal xoghol ta' sbuhija fuq il-wicc li kien jikkonsisti f'*eyeliner* u *lipliner* ghal ammont totali ta' hames mitt Euro (€500.00) - kwantu ghal mitejn u hamsin (€250.00) *eyeliner* u mitejn u hamsin (€250.00) ghal xufftejn (*lipliner*).

It-trattament sar u ghal dak li jirrigwarda l-*eyeliner* ma jidhirx li r-rikorrenti ghandha xi ilment. Rigward il-*lipliner*, pero, ir-rikorrenti qalet illi wara l-ewwel intervent, nonostante li ghadda z-zmien preskritt ir-rizultat baqa' ma deherx u ghalhekk kellha tmur ghal darb'ohra ghand l-intimata sabiex din il-procedura terga' ssir mill-gdid. Dina saret, pero' hawn ukoll

ir-rikorrenti ma kenitx kuntenta. Dahlet f'iskambju ta' korrispondenza mal-intimata sakemm fl-ahhar ir-rikorrenti ddecidiet illi ma tkomplix aktar bis-servizzi tal-intimata u minflok tfittex band'ohra ghar-rizultat li xtaqet. L-intimata offrietilha (minghajr pregudizzju) illi tirrifondilha l-ammont ta' €185.00 li huwa l-prezz tax-xoghol fuq il-xofftejn li minnha naqset il-VAT u l-prezz tal-labar.

Ir-rikorrenti irrifjutat din l-offerta u qieghda titlob l-ammont ta' tlett mija u tmenin Euro (€380.00) li skond hi huma €250 li hallset ghand l-intimata u l-kumplament li kellha thallas ghand haddiehor. (ara xhieda Josline Gallagher).

Ikkunsidra

Illi l-kontroversja bejn il-partijiet tirrigwarda xoghol professjonali mwettaq mill-intimata fuq wicc ir-rikorrenti, specifikament madwar ix-xofftejn. Tajjeb jew hazin, ir-rikorrenti ilmentat mix-xoghol illi ghamlet l-intimata u din tal-ahhar, minghajr pregudizzju u bhala turija ta' rieda offriet illi tirrifondi l-ammont ta' €185.00. Ir-rikorrenti ma accettatx din l-offerta u ppretendiet illi kellha tithallas ghal trattament kollu li wettqet ghand terzi - fejn esebiet invoice/cash sale bid-data 15 ta' Novembru 2017 li juri total ta' €380.00. Ghalhekk il-kwistjoni mhijiex strettament dwar ix-xoghol professjonali mwettaq mill-intimata izda dwar l-ammont ta' kumpens illi ppretendiet r-rikorrenti, wara l-gest minghajr pregudizzju, tal-intimata.

Ikkunsidra

It-Tribunal jinnota illi hemm diskrepanza bejn ix-xhieda tar-rikorrenti u d-dokument esebit minnha stess il fuq imsemmi - u cjoe' invoice/cashsale. Fil-fatt, ir-rikorrenti tispicca x-xhieda taghha b'dan il-kliem 'jiena qed nitlob €380.00 - li huma €250 ghand il-konvenuta u l-kumplament illi kelli nhallas ghand haddiehor." Pero', fis-suppost ircevuta, s-servizz li ghalih qed titlob €380.00 jikkomprendi "*semi-permanent make-up/ lipliner* - €340 u *eyeliner* €40". Dan huwa ferm differenti minn dak illi xehdet quddiem dan it-Tribunal.

Jinghad illi fix-xhieda taghha - u l-anqas fl-avviz promotur, r-rikorrenti ma tidhirx illi qed taghmel ilment dwar l-*eyeliner* maghmul mill-intimata u ghalhekk zgur mhijiex intitolata ghal dan l-ammont ta' erbghin Euro kif jidher f'din l-ircevuta. Terga' fl-avviz imsemmi ir-rikorrenti qieghda tallega li l-intimata qaltilha biex tmur ghand haddiehor "u thallasha hi" u ghalhekk it-Tribunal huwa propens li jasal ghal konkluzjoni li t-talba ta' tlett mija u tmenin Euro huwa bbazat kompletament fuq ix-xoghol ta' terzi u mhux kif qalet fix-xhieda quddiem dan it-Tribunal: €250.00 tax-xoghol imwettaq mill-intimata u d-differenza li hallset ghand haddiehor.

Illi min-naha l-ohra, l-intimata tinsisti illi l-ftehim kien li hi kienet lesta li tirrifondilha dak li kienet hallset ghandha ghat-trattament ta' xofftejn u mhux ghall-ghajnejn u zgur mhux ghal servizzi ta' terzi. Fi kliemha: *"At that point, first of all, I never told her that I would refund her for the eyes and I was prepared to refund her for the amount of the lips she paid me. Basically at no point prior did the plaintiff inform me that she was ging to carry out these services / where/ how much. She presented me with a fait accompli."* (ara xhieda tal-intimata)

Ikkunsidra

Illi t-Tribunal huwa propens illi jemmen il-versjoni tal-intimata specjalment wara li ra d-dokument intestat cashsale/ involice esebit mir-rikorrenti. Dan id-dokument ma fih l-ebda indentifikazzjoni u l-anqas ma hemm deskrizzjoni ta' x'tip ta' intervent gie imwettaq minn terzi. Izda konvenjentement ic-cifri jwasslu ghal dak li ppretendiet ir-rikorrenti, tlett mija u tmenin Euro. Terga', ma jaghmel l-ebda sens li l-intimata taccetta li thallas ghal xoghol maghmul minn terzi minghajr l-ebda kontrolli ta' xejn fejn ma setghetx tivverifika la meta kellu jsir l-intervent, minn min, x'tip ta' intervent kellu jsir u kemm kellu jiswa dan l-intervent. Zgur illi hadd ma kien sejjer jaghmel offerta *open-ended* bhal din u jhalli dawn il-fatturi fi stat ta' incertezza. Ghalhekk jaghmel aktar sens, kif qalet l-intimata, li offrietilha li tirrifondilha ghas-servizz illi wettqet ghandha li kkalkulat fl-ammont ta' €185.00. It-Tribunal isib din ic-cifra ragonevoli.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' parzjalment it-talba tar-rikorrenti u jikundanna lill-intimata li tirrifondilha s-somma ta' €185.00. Bl-ispejjes li jibqghu bla taxxa bejn il-partjiet.

Michela Spiteri LL.D
Arbirtru